**Minuti tal-459 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2016**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Agius (Is-Sway), is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil, kienet ukoll preżenti għal-laqgħa.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tkun skużata. 5525/16

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tminn paragrafu ta' paġna 350 u minflok il-kliem 'Is-Sur Joseph Agius talab li ssir bankina fi Triq Strickland għax hemm parti mit-triq li m'għandhiex bankina' jidħol il-kliem 'Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Strikland'. 5526/16

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu ta' paġna 351 u minflok il-kliem 'Is-Sur Buttigieg talab li jsir *patching*' jidħol il-kliem 'Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *road hump*'. 5527/16

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-għaxar paragrafu ta' paġna 351 u minflok il-kliem 'sabiex jinbidlu l-arbli tal-bozoz' jidħol il-kliem 'jinbidlu l-bozoz'. 5528/16

Il-minuti tal-458 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg. 5529/16

Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx saret it-talba lil Transport Malta sabiex jingħata wiċċ ġdid fi Triq Renato Agius Muscat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba kienet saret lil Transport Malta.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bus shelter* ta' Triq il-Mina ta' Hompesch kien għadu mitfi.

Is-Sur Joseph reġa' talab sabiex isir ir-*refresh* taż-*zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru 1979.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi d-dawl tal-Mina ta' Hompesch kien għadu mhux jixgħel kollu.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem kienet għada ma tnaddfitx.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-kuntrattur Vella Group ma kienx irranġa l-konkos ta' Triq il-Grazzji minkejja li rriżulta li kien ta' kwalità inferjuri. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien qiegħed iżomm ir-*retention money* kif deċiż mill-Kunsill u l-kuntrattur ma kienx ser jitħallas qabel jirranġa x-xogħol.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitati Familja u Tfal. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg. 5530/16

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Diego Puleo minn Villabate li feraħ lill-Kunsill għal Jum Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li jġedded il-*Group Health Policy* tal-impjegati tal-Kunsill kif ukoll tal-Kunsillieri għall-perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €55.00 għal kull persuna. 5531/16

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Anna Formosa fejn infurmat lill-Kunsill illi kien ser jibda jiġi organizzat il-proġett 'Darba Waħda' nhar l-Erbgħa 2, 9, 16 ta' Marzu, 6, 13, 20, 27 ta' April u 4, 11 u 18 ta' Mejju, 2016.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jeffrey Ellul, uffiċjal fl-Uffiċju Elettorali li talab lill-Kunsill sabiex jingħata isem għal triq ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju. Fuq proposta tas-Sur 5532/16
John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq tissemma Triq it-Tenur John Delia.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Albert Muscat dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €60 mingħand il-Kunsill 5533/16
għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta.

Dwar Memo 33/2015 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Direttiva – Ftehim mal-iskemi dwar Ġbir ta' Skart Separat, is-Sindku qal li kien tkellem mas-Sur Christopher Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-kuntratt eżistenti li l-Kunsill għandu u li ser jiskadi fis-sena 2017. Is-Sindku qal li wara din id-data l-Kunsill irid joħroġ sejħa ġdida ġdida għal dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill talba li rċieva mingħand resident sabiex jingħata isem ġdid lil sqaq fi Triq Pawlu Scicluna. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius 5534/16
(Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-isem ta' Trejqet Patri Arkanġlu Azzopardi.

<u>Item 6 – Skeda tal-Pagamenti</u>

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mit-12 ta' Jannar 2016 sat-2 ta' Frar 2016 li 5535/16
kienet tammonta għal €67,651.73.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva 5536/16
unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2016 li kien jammonta għal €72.41.

Fis-6.40 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

<u>Item 7 - Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja Jannar - Diċembru 2015. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur 5537/16
Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament dawn il-*Financial Statements*.

Item 8 - Abbozz tal-Estimi Annwali ghas-sena 2016

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Abbozz tal-Estimi Annwali ghas-sena finanzjarja 2016. 5538/1 Is-Sindku qal illi taht il-proġetti kapitali kienu qed jiġu allokati €300,000 ghall-proġett tal-bandli u €50,000 ghal xoghol ta' *resurfacing*. Is-Sur Brian Spiteri ssuġġerixxa sabiex mill-fondi ghal Proġetti Kapitali isir xoghol ta' tisbih fl-isqaqien. Dan l-abbozz ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li qabel tiġi rranġata Triq Santa Duminka, il-Kunsill jaghmel arranġamenti mal-Ministeru tax-Xoghlijiet u Infrastruttura sabiex tinfetah triq alternattiva. Is-Sindku qal illi kien hemm diskussjoni sabiex Triq Santa Duminka tiġi żona pedonali wara li tinfetah Triq Bieb is-Sultan.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill korrispondenza mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali (*Case 78/16*) dwar *Resurfacing* ta' Toroq mill-Kunsilli 5539/1 Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament illi jinforma lid-Dipartiment li matul is-sena 2016 ser jaghmel xoghol ta' *resurfacing* fi Triq Santa Duminka u li l-ispiża kienet ser tammonta ghal madwar €30,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* ghall-perjodu 5540/1 Jannar – Diċembru 2015. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report*.

Item 9 - Ingaġġ ta' Skrivan/a – Skala 15 (*back-to-back*)

Is-Segretarju ppreżenta r-rapport tal-*Interviewing Board* dwar l-intervisti li kienu saru lill-applikanti li kienu qed jirreġistraw taht *Part 2* mal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahriġ ghall-ingaġġ ta' Skrivan/a Skala 15 (*back-to-back*) mal-Kunsill. Fid-deċiżjoni tieghu l-Bord ikkonkluda li hadd mill-persuni li applikaw ghal din il-vakanza ma hu 5541/1 adattat ghal din il-kariga u ghaldaqstant irrakkomanda li ssir talba lill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahriġ biex jitkompla l-proċess billi jiġu intervistati kandidati eleġibbli li qeghdin jirreġistraw taht *Part 3* mal-Korporazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba.

Item 10 - Deċiżjoni dwar il-kuntratti :

Servizz ta' accountant (ZLC 1/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt ghas-servizz ta' *accountant* li l-Kunsill ghandu mal-kumpanija Parker Randall Turner (ZLC 1/2015) ser jiskadi u l- 5542/1 Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt ghal sena addizzjonali taht l-istess rati u kundizzjonijiet.

Item 11 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ser jinbeda xoghol ta' manutenzjoni tal-bankini fil-viċinanzi tal-iskejjel kif ukoll xoghol ta' tisbih fl-isqaqien.

Is-Sindku qal illi ghalissa Triq San Leonardu, in-naha ta' San Anard, ma kinitx ser tinghata wiċċ ġdid peress illi l-Gvern Ċentrali kien ghadu ma harigx sejha ghall-offerti.

Is-Sindku qal illi kien infurmat illi l-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura kien ser jibda xoghol sabiex tittaffa l-problema ta' gharghar tal-ilma tax-xita fi Triq id-Dliela.

Is-Sindku qal illi x-xoghol fil-bandli kien qed jiehu iktar żmien minn dak stipulat peress illi kien twaqqa' l-hajt ta' madwar it-Teatru Grieg u kienet twaqqet l-*obelisk* tal-funtana. Is-Sindku qal illi dawn ix-xoghlijiet kienu saru bil-haddiema tal-*public works*.

Is-Sindku qal li waqt diskussjoni li kellu mas-Segretarjat ghall-Anzjani u mal-Arċipriet ta' Haż-Żabbar ġiet diskussa l-possibilità li s-sala parrokjali r-Raghaj it-Tajjeb tibda tintuża bhala *Day Centre* ghall-anzjani u s-sala tal-Kunsill tibda tintuża ghal *active ageing hub*.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill korrispondenza mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-hinijiet ta' ġbir ta' skart. Is-Sindku ssuġġerixxa żewġ *options* : *Option A* – il-ġbir ta' skart jinbeda bejn id-9.00 u l-10.00 ta' filghodu, *Option B* – l-iskart jinġabar filghaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jkellmu lill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart u biex tiġi diskussa l-possibilità li jibda jinġabar mid-9.00 ta' filghodu 'l quddiem. 5543/16

Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex Triq Patri Taddew Schembri issir *one-way*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Triq Patri Taddew Schembri diġa kienet saret *one-way* iżda wara ittra li l-Kunsill kien irċieva minghand Josie Brincat, konsulent ta' Transport Malta dwar ilmenti li saru mill-pubbliku, il-Kunsill reġġa' lura s-sistema tat-traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri ghal kif kienet oriġinarjament.

Fis-7.30 ta' filghaxija is-Sur Brian Spiteri talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgha annwali pubblika ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Frar, 2016. 5544/16

Is-Sindku idduskuta dwar is-sistema ta' *traffic management* fi Triq Felice u l-madwar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil Transport Malta sabiex Triq Felice issir *one way* minn naha ta' Triq is-Santwarju. Is-Sindku talab sabiex tintbghat kopja tas-*site plan* kif proposta lir-residenti ta' Haż-Żabbar. 5545/16

Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Joseph Vella u lis-Sur Joseph Agius (Is-Sway) u qal illi l-attivita' tal-Karnival kienet suċċess.

Is-Segretarju Eżekuttiv semma l-kirja tal-garaxx li għandu fi Triq il-Ġilbiena. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jġedded din il-kera għal sena addizzjonali għall-ħlas ta' €412.30. 5546/1

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kwotazzjoni għall-kiri ta' garaxx fi Triq id-Dukkar għall-perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €730. Dan sabiex jitpoġġew l-affarijiet li kien hemm fil-bandli kif ukoll oġġetti oħrajn li l-Kunsill għandu. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li għalkemm fil-prinċipju jaqbel li jinkera l-garaxx għandu jsir tentattiv biex jingħata skont fil-prezz għal din il-kirja. 5547/1

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li tiġi mdawwla *ż-żebra crossing* ta' Triq il-Kunvent.

Is-Sur Mark Grech qal illi kien bgħat *email* bil-qisien tal-bankina proposta ta' quddiem il-*Bank of Valletta* fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Buttigieg talab sabiex is-Sur Grech jagħmel laqgħa ma' rappreżentant tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex tiġi diskussa l-proposta.

Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil Transport Malta sabiex Triq iċ-Ċimiterju ssir *one-way*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien għamel din it-talba u issa jrid l-approvazzjoni minn Transport Malta sabiex ikun jista' jsir it-tibdil meħtieġ.

Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill illi kien ser jitlob kwotazzjonijiet sabiex isiru *captions* bl-ingliż tad-dokumentarju li ntuża fl-attività li fakkru l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur John J Pace offra l-għajnuna tiegħu sabiex isiru l-*captions* mingħajr ħlas.

Is-Sur Mark Grech qal illi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kien qed jgħaddi qabel is-6.45 ta' filgħodu minn Triq it-Tut.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jitwaħħlu *mobile CCTV cameras* sabiex jittieħdu passi kontra min joħroġ il-borża s-sewda wara li jgħaddi l-*iscammel*.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi d-dgħajsa li kien hemm fis-*soft area* ta' quddiem ir-residenza numru 6 fi Triq il-Luq kienet tneħħiet u talab sabiex jittella' ċ-ċint tas-*soft area*.

Is-Sur John J Pace qal illi kien ġie avviċinat mill-familjari tal-Ex-President ta' Malta is-Sinjorina Agatha Barbara sabiex tiġi rranġata rħama kommemorattiva li qiegħda mar-residenza 97, Triq San Ġużepp, Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-attivitajiet ta' Jum Ħaż-Żabbar kienu ta' suċċess u rringrazzja lil kull min ta' sehemu.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata l-bankina ta' Triq Strickland u l-bankina ta' Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi tal-ħanut tal-pastizzi.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin u jitneħħa l-ġebel li waqa' minn mal-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq il-Ħawt.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata t-tabella li tindika l-ħinijiet tal-monti fi Pjazza San Ġakbu.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex tiġi rranġata tabella *no right turn* li hemm fi Triq il-Kbira fil-viċinanzi tal-mużew tas-subien.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex tiġi rrestawrata l-Madonna li hemm fi Sqaq il-Wied.

Fit-8.10 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex tiġi rranġata kurduna li hemm quddiem ir-residenza numru 4 fi Triq Bormla.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* fi Triq Ħaż-Żabbar quddiem ir-residenza *Final Cut.*

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex isiru gradi tal-ħadid bħala protezzjoni għat-tfal iż-żgħar fi Pjazza San Ġakbu.

Is-Sur Buttigieg reġa' tkellem dwar il-funtana tal-Monument tal-Gwerra peress illi għad hemm problema li qed titlef l-ilma.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li ssir *road hump* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' XTC peress illi l-vetturi kienu qed isuqu b'veloċità qawwija. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li ssir *give way* f'din il-parti tat-triq.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Triq Felice ħdejn l-istabbiliment Good Looks.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex jiġu rranġati l-*pots* li hemm f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi peress illi kienu waqgħu bir-riħ.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet illi kienet ser issir laqgħa taż-żgħażagħ fit-2 ta' Marzu, 2016.

L-Ambaxxatriċi Lokali nfurmat lill-Kunsill illi din kienet l-aħħar laqgħa tagħha peress illi kienet ser tagħlaq it-tmintax-il sena fil-jiem li ġejjin.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex titneħħa kaxxa b'xi materjal li hemm fi Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi tal-ħanut *Burn Out*.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-MEPA u ġie nfurmat illi l-MEPA kienet qed tipprova tkellem lis-sidien tal-art fi Pjazza San Nikola sabiex il-post jitnaddaf.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-460 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 7 ta' Marzu 2016.

Marc Vella Bonnici
Sindku